# TIEG STRAORDINARJU

*Kienu t-tnejn u għoxrin t'Awissu,*
*Kont fit-tieqa wara l-ħġieġ,*
*Ittawwalt u għal għarrieda*
*Ilmaħt l-isbaħ, l-oħla tieġ.*

*Baħar u Arja tgħarrsu u tejġu,*
*Wara ħolm ta' daqshekk snin,*
*Waslu fl-aħħar għax minn dejjem*
*Naf li ħarsu lejn xulxin.*

*Rota mħabba, ġlied tiswija,*
*Għax bejniethom kien hemm pont,*
*Qatt ma setgħu jaqblu fuqu,*
*Fuq dix-xagħra t'orizzont.*

*Imma llum ix-xefaq tħassar,*
*Għeb, intesa, ntemm fix-xejn,*
*Ma baqax aktar x'jifridhom,*
*Baħar u Arja ngħaqdu t-tnejn.*

*Sema u Ilma żewġ familji,*
*Demmhom nobbli ikħal nir*
*Illum tħalltu, żżewġu u saru*
*Ħaġa waħda f'dat-tieġ kbir.*

*Kemm inħobb tieġ hekk ninzerta,*
*F'dik il-ħemda noqgħod nara,*
*Fejn id-dgħajjes il-karrozzi*
*Gawwi u ħut biss il-ħaddara!*

M. Meylak.